



European
Statistical
Governance
Advisory
Board

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

14 ta' Novembru 2012

Azzjoni politika biex tissaħħaħ il-governanza u l-effiċjenza tas-Sistema Statistika Ewropea

Fir-raba' rapport annwali tiegħu, il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB), iħeġġeġ lill-gvernijiet u l-awtoritajiet tal-istatistika biex isaħħu aktar il-governanza, l-effiċjenza u l-monitoraġġ tal-konformità tas-sistemi nazzjonali tal-istatistika u s-Sistema Statistika Ewropea (SSE). Fi kliem il-President tal-ESGAB, Thomas Wieser: *“Ladarba l-kundizzjonijiet fil-liġi u fil-prattika jkunu fis-seħħ biex jiggarrantixxu l-imparzjalità tal-awtoritajiet tal-istatistika, is-sistema tkun tista' titqies bħala waħda reżistenti għal interferenza politika żejda.”*

Ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport tal-ESGAB jitolbu lil dawk li jieħdu d-deċizzjonijiet politiċi biex jappoġġjaw il-ħolqien ta' organizzazzjoni istituzzjonali robusta biex din tiggarrantixxi li d-deċizzjonijiet dwar is-sorsi, il-metodoloġija u t-tixrid tad-dejta jkunu fidejn l-istatistiċi. Huma jenfasizzaw ukoll li dan għandu jkun viżibbli għall-pubbliku, pereżempju billi jiġu evitati bidliet fil-maniġment superjuri tal-awtoritajiet tal-istatistika matul il-kampanji elettorali jew eżatt wara l-elezzjonijiet. Ir-rapport jisħaq ukoll li t-tiżni tar-rwol ta' koordinazzjoni tal-awtoritajiet tal-istatistika għandu jkun appoġġjat b'bidliet fil-leġiżlazzjoni fejn meħtieġ, u għal dan il-għan jenfasizza li r-reviżjoni kontinwa tar-Regolament dwar l-Istatistika Ewropea 223/09 hija opportunità li mhux ta' min jitlifha. Barra minn hekk, permezz tal-Impenji dwar il-Fiduċja, il-gvernijiet jistgħu jstabbilixxu appoġġ b'saħħtu biex itejbu s-sistema tal-istatistika f'pajjiżhom. B'mod simili, hija meħtieġa lista ta' azzjonijiet biex titlesta d-deċizzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2012 li tiddefinixxi r-rwol u r-responsabilitajiet tal-Eurostat fi ndan il-Kummissjoni Ewropea.

L-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika u l-SSE flimkien qed jaffaċċjaw għadd ta' riżorsi li qed jonqos b'mod kostanti mentri fl-istess ħin id-domandi għall-istatistika qed jiżdiedu. Ir-risposta għal dan il-proċess għandha tkun bidla sistematika tal-mudell tan-negozju u l-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet. F'dan il-kuntest, skont ir-rapport tal-ESGAB, hemm bżonn rieda u azzjoni politika sabiex jitneħħew l-ostakli leġiżlattivi li jxekklu l-esplojtazzjoni u l-iżvilupp tas-sorsi ta' dejta amministrattiva għall-ġbir tal-istatistika. L-istess jgħodd għat-titjib tal-kundizzjonijiet għall-iskambji ta' mikrodejta fost il-membri tas-Sistema Statistika Ewropea.

Ir-raba' rapport tal-ESGAB lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jinkludi sommarju eżekuttiv qasir b'rakkomandazzjonijiet; osservazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jinsabu fir-rapport ewlieni.



European
Statistical
Governance
Advisory
Board

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

14 ta' Novembru 2012

Huwa jesplora l-prinċipji tal-Kodiċi ta' Prattika li huma identifikati bħala elementi ewlenin għas-sistemi tal-istatistika: indipendenza professjonali u impenn ta' kwalità. Il-kwistjonijiet dwar ir-riżorsi huma eżaminati fid-dawl tal-kosteffettività, il-kunfidenzjalità, l-aċċessibilità u ċ-ċarezza, prinċipji marbuta kollha kemm huma b'mod intrinsiku li huma kruċjali biex jieħdu vantaġġ mill-potenzjal għat-titjib tal-effettività.

Aktar tagħrif

Ir-rapport 2012 tal-ESGAB b'sommarju eżekuttiv qasir huwa disponibbli fuq il-homepage tal-ESGAB (<http://ec.europa.eu/esgab/>).

Kuntatt għall-assistenza tal-midja

Biex tagħmel appuntament għal intervista mal-President tal-ESGAB, is-Sur Thomas Wieser, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-segretarjat tal-ESGAB: Heli Lehtimäki (estat-esgab@ec.europa.eu), tel. +352 4301-36484.

Dwar l-ESGAB

Il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) twaqqaf fl-2008 mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill biex jagħti ħarsa ġenerali indipendenti lejn l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea fis-Sistema Statistika Ewropea. Il-ħidma tal-ESGAB għandha l-għan li ttejjeb l-indipendenza professjonali, l-integrità u r-responsabbiltà tas-Sistema Statistika Ewropea, li huma elementi ewlenin fil-Kodiċi ta' Prattika, kif ukoll li ttejjeb il-kwalità tal-istatistika Ewropea.

L-ESGAB huwa magħmul minn seba' membri. Xogħlu jinkludi t-tfejjiġa ta' rapport annwali għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika safejn dan ikollu x'jaqsam mal-Kummissjoni (Eurostat) u s-Sistema Statistika Ewropea b'mod ġenerali. L-ESGAB jagħti wkoll pariri lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar miżuri xierqa biex il-proċess ikun iffaċilitat.

Kunċetti ewlenin

Il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea hu bbażat fuq 15-il prinċipju. L-awtoritajiet governattivi u tal-istatistika fl-Unjoni Ewropea jikkommettu ruħhom li jżommu mal-prinċipji tal-kodiċi li jkopru l-ambjent istituzzjonali, il-proċessi u l-produzzjoni tal-istatistika. Għal kull prinċipju hemm sett ta' indikaturi ta' prattika tajba li joffru referenza għar-reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-kodiċi.

Il-kodiċi ta' prattika:

http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/quality/documents/CoP_October_2011.pdf

Is-Sistema Statistika Ewropea (SSE): is-sħubija bejn l-awtorità tal-istatistika tal-Unjoni, li hija l-Kummissjoni (l-Eurostat), u l-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli f'kull Stat Membru għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea (ara http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/ess_eurostat/introduction).